



Kunsill Ewropew

Brussell, 18 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

EUCO 23/19

CO EUR 22
CONCL 7

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (17 u 18 ta' Ottubru 2019) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

1. B'segwitu għall-preżentazzjoni mill-Preżidenza, il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet dwar kwistjonijiet ewlenin tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, bħall-ammont globali, il-volumi tal-oqsma ta' politika ewlenin, il-finanzjament, inkluż id-dħul u l-korrezzjonijiet, kif ukoll il-kondizzjonalitajiet u l-inċentivi. Fid-dawl ta' din id-diskussjoni, huwa jappella lill-Preżidenza biex tippreżenta Kaxxa ta' Negożjar biċ-ċifri qabel il-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2019.

II. IĊ-ĊIKLU ISTITUZZJONALI LI JMISS

2. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mal-President elett Ursula von der Leyen dwar il-kontribut tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE kif stabbilit fl-Aġenda Strateġika. Huwa ħa nota tar-rapport ippreżentat mill-Prim Ministru Finlandiż dwar is-segwitu għall-Aġenda Strateġika li sar fil-Kunsill.
3. Il-Kunsill Ewropew adotta wkoll deċiżjoni li taħtar lil Christine Lagarde bħala President tal-Bank Ċentrali Ewropew.

III. TIBDIL FIL-KLIMA

4. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu tas-Summit tan-NU dwar l-Azzjoni Klimatika 2019 fir-rigward tal-ambizzjoni, l-azzjoni u s-solidarjetà. It-theddida eżistenzjali li ġejja mit-tibdil fil-klima teħtieġ ambizzjoni msaħħa u azzjoni klimatika miżjuda mill-UE u fil-livell globali. Il-Kunsill Ewropew huwa determinat li l-UE ser tkompli tkun minn ta' quddiem fi tranżizzjoni ekoloġika soċjalment ġusta u ekwa fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2019. Huwa jappoġġa l-prijoritajiet tal-COP25, inkluż l-attenzjoni għar-rabta bejn l-oċeani u l-klima. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li huwa ser jiffinalizza l-gwida tiegħu dwar l-istrateġija fit-tul tal-UE fuq it-tibdil fil-klima fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru bil-ħsieb tal-adozzjoni u l-preżentazzjoni tal-istrateġija fit-tul tal-UE għall-UNFCCC fil-bidu tal-2020.

IV. TKABBIR

5. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni tat-tkabbir qabel is-summit UE-Balkani tal-Punent f'Zagreb f'Mejju 2020.

V. TURKIJA

6. Il-Kunsill Ewropew japprova l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar il-Grigal tas-Sirja.
7. L-UE tikkundanna l-azzjoni militari unilaterali tat-Turkija fil-Grigal tas-Sirja li tikkawża tbatija umana inaċċettabbli, tfixkel il-ġlieda kontra d-Da'esh u thedded serjament is-sigurtà Ewropea. Il-Kunsill Ewropew jinnota d-dikjarazzjoni tal-lejla min-naħa tal-Istati Uniti u t-Turkija ta' pawża fl-operazzjonijiet militari kollha. Għal darb'oħra jhegġegħ lit-Turkija biex ittemm l-azzjoni militari tagħha, tirtira l-forzi tagħha u tirrispetta d-dritt umanitarju internazzjonali. B'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2019, huwa jfakkar li l-Istati Membri iddeċidew li jwaqqfu l-liċenzjar għall-esportazzjoni tal-armi lejn it-Turkija.
8. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata fl-isforzi tagħha biex tindirizza b'mod effettiv il-kriżi umanitarja u tar-refuġjati serja fid-dawl tal-bżonnijiet li qed jevolvu, inkluż billi jiġu appoġġati dawk l-Istati Membri li qed jiffaċċjaw l-aktar sfidi serji f'termini ta' flussi migratorji fil-Lvant tal-Mediterran.
9. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi din il-kwistjoni.

VI. ATTIVITAJIET TA' TĦAFFIR ILLEGALI

10. Il-Kunsill Ewropew japprova wkoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar l-attivitajiet ta' tħaffir illegali min-naħa tat-Turkija fiż-Żona Ekonomika Esklussiva ta' Ċipru u jafferma mill-ġdid is-solidarjetà tiegħu ma' Ċipru.
11. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi din il-kwistjoni.

VII. MH17

12. B'riferiment għall-konklużjonijiet tal-20 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-isforzi kollha biex jiġu stabbiliti l-verità, il-ġustizzja u r-responsabbiltà għall-vittmi tat-twaqqigħ tal-MH17 u għall-qraba tagħhom u jappella lill-Istati kollha biex jikkooperaw b'mod sħiħ mal-investigazzjoni li qed issir f'konformità mar-Risoluzzjoni 2166 tal-KSNU.
-